32004D0619

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Awwissu 2004

li temenda r-reġim Komunitarju ta' importazzjoni tar-ross

(2004/619/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati taħt l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 bil-ħsieb li jiġu mmodifikati ċerti konċessjonijiet għar-ross. Għaldaqstant, il-Kommunità nnotifikat lid-WTO fit-2 ta' Lulju 2003 bl-intenzjoni tagħha li timmodifika ċerti konċessjonijiet fl-Iskeda CXL tal-KE.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fil-qafas tad-direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni nnegozjat ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li għandha interess prinċipali fil-forniment tal-prodotti tas-subintestatura HS 1006 20 (ross bla ħliefa) u interess sostanzjali fil-forniment tal-prodotti tas- subintestatura HS 1006 30 (ross miħun), it-Tajlandja, li għandha interess prinċipali fil-forniment tal-prodotti tas- subintestatura HS 1006 30 (ross miħun) u interess sostanzjali fil-forniment tal-prodotti tas- subintestatura HS 1006 20 (ross bla ħliefa) u l-Indja u l-Pakistan, li t-tnejn għandhom interess sostanzjali fil-forniment tal-prodotti tas- subintestatura HS 1006 20 (ross bla ħliefa).

(4) Il-Kummissjoni nnegozjat ftehim ma' l-Indja u l-Pakistan f'forma ta' skambju ta' ittri iżda ma kinitx kapaċi tinnegozja ftehim aċċettabbli ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u mat-Tajlandja.

(5) Sabiex tippermetti l-modifikazzjoni ta' ċerti konċessjonijiet li jikkonċernaw ir-ross bla ħliefa u r-ross miħun fl-Iskeda CXL tal-KE għandha tiġi stabbilita rata tariffarja ġdida għar-ross bla ħliefa u għar-ross miħun.

(6) Peress li l-istabbiliment ta' rata tariffarja ġdida għar-ross bla ħliefa u għar-ross miħun jeħtieġ modifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross [1], il-Kummissjoni għandha tiġi awtorizzata tadotta derogi temporanji minn dak ir-Regolament.

(7) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [2]

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-rata tariffarja għar-ross bla ħliefa (Kodiċi NM 1006 20) għandha tkun ta' EUR 65/tunnellata.

Ir-rata tariffarja għar-ross miħun (Kodiċi NM 1006 30) għandha tkun ta' EUR 175/tunnellata.

Artikolu 2

Sa fejn ikun meħtieġ biex tippermetti l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Deċiżjoni sa l-1 ta' Settembru 2004, il-Kummissjoni tista' tidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1785/2003, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 3(2) ta' din id-Deċiżjoni, sakemm dak ir-Regolament jiġi emendat iżda mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2005.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' Tmexxija għaċ-Ċereali stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [3].

2. Fejn qed issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu previst fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Awwissu 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. BOT

---

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96.

[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

[3] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78.